MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2012

Numru. 253/1994

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Micallef)**
**vs**
**Patrick Pace**

**Il-Qorti;**

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u dan talli f'Birkirkara matul il-lejl tat-22 ta' Dicembru 1990 u t-23 ta' Dicembru 1990:

1) Volontarjament ta n-nar lill-bini jew lok iehor cioe lill-hanut maghruf bhala "121 Bar" li jinsab fi St. Francis Street, B'Kara meta gewwa ma kien hemm ebda persuna filwaqt tal-hruq jew volontarjament ta n-nar lill-materjal li jaqbad, u dan il-bini, lok jew materjal kien qieghed b'mod li jista' jqabbad il-hruq lill-bini iehor jew lok iehor fejn f'dak il-waqt hemm gewwa kien hemm xi persuna jew persuni.

2) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli li l-ammont tal-hsara hija izjed minn LM500 ghad-dannu ta' Louis Bellizzi minn Msida, Saviour Gatt minn Ta' Xbiex u Joseph Dimech minn B'Kara;

3) Bil-hsieb li jikseb ghalih innfisu jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta kontra ir-riskji jew xi qligh mhux misthoqq, iddistrugga xerred l'hawn u l'hemm jew gharraq b'xi mezzi li jkun hwejjeg tieghu;

4) Bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu il-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

5) Halef il-falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

Il-Qorti ghandha, meta tikkundnna lill-hati ghad-delitti msemmija, tapplika espressament il-piena ta' interdizzjoni generali kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja u bhala perit.

Rat in-<u>nota</u> tal-Avukat Generali (fol 152) li biha, billi deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat a bazi tal-istess kumpulazzjoni, taht dak li hemm mahsub:

a) Fl-Artikolu 317 tal-Kodici Kriminali;

b) Fl-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali;

c) Fl-Artikolu 295 tal-Kodici Kriminali;

d) Fl-Artikolu 110 tal-Kodici Kriminali;

e) Fl-Artikoli 108, 109 tal-Kodici Kriminali;

f) Fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Iddecieda li jibghat lill-istess imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti fin-nuqqas ta' opposizzjoni da parti tal-istess imputat.

Semghet lill-imputat, permezz tal-Avukat Difensur tieghu, jiddikjara li m'ghandux tali opposizzjoni.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu kif ukoll ix-xhieda prodotti minnu in kontro ezami (ara wkoll il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Gunju, 2005 u d-digriet moghti f'din is-seduta).

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidra**

Illi l-Ufficjal investigattiv (fol 19 et seq ibid) beda billi qal li dan il-kaz beda jigi investigat wara li f'ittra anomina ricevuta ghall-habta ta' Gunju 1993 kien gie allegat illi l-awtur tan-nar li hakem il-hanut ossija "bar" f'121, pjazza San Frangisk, Birkirkara kien l-akkuzat, liema kaz kien gara fit-23 ta' Dicembru, 1990. Ghalhekk hu kien rega' interroga xhieda li kienu di gja nstemghu waqt l-inkjesta tal-Magistrat li kien ghassa (ara fol 18 et seq ibid).

L-istess xhud kompla billi qal illli, hu kien assistit, ukoll, mill-Ispettur Bartolomeo Mula. Inoltre, kien ghamel ricerka wkoll mas-socjeta' assikuratrici involuta. Difatti l-akkuzat kien issottometta "claim" ma' din u rrizulta li l-akkuzat ossija martu kienet thallset risarciemnt ta' madwar LM14,000.

Sussegwentement, l-akkuzat kien gie arrestat u interrogat mill-Pulizija u kien irrilaxxa l-istqarrija bil-miktub datata s-16 t'Ottubru, 1993 li tinsab annessa a fol 21 sa fol 25 ibid u marakta Dok CM1 u minnha jidher li l-akkuzat cahad li kien involut fil-kummissjoni tar-reati in esami. L-imsemmi Spettur Bartolomeo Mula (fol 26 et seq ibid) spjega illi fit-23 ta' Dicembru, 1990, kien l-Ispettur Anthony Cassar li nvestiga originarjament dan il-kaz. Izda l-investigazzjonijiet li saru fil-perjodu li ghadu kemm issemma' ma taw l-ebda ezitu posittiv.

Sussegwentement, hu kien investiga l-kaz wara li l-Pulizija irceviet l-imsemmija ittra anonoma li pero' qatt ma giet esebita in atti. Ghalhekk hu, flimkien max-xhud precedenti, kien tkellem ma' nies li joqghodu fuq l-istess "bar" cjoe Joseph Dimech u l-familjari ta' dan u dawn kienu informawh illi meta kienu xehedu, waqt l-inkjesta ma kienux qalu l-verita' kollha. Difatti kien hawnhekk li huma qalu li kien l-istess akkuzat li ta' n-nar lill-istess hanut. Inoltre huma kienu semmew "...xi persuni ohra li precedentement hadd ma kien jaf bihom" cjoe Sean Mckeon u Christopher Elliot, liema nies kienu kkonfermaw dak li kien intqal lill-Pulizija mill-familja Dimech.

Wara dan kollu, l-akkuzat kien gie interrogat u kien irrilaxxja l-imsemmija stqarrija, kif esebita u li fiha kif di gja ntqal, kien innega li kien ikkommetta dak addebitat lilu. L-akkuzat kien qal lilli kien rceva r-risarciment minghand is-socjeta' assikuratrici, li kien fetah l-istess hanut wara li kien nefaq somma konsiderevoli sabiex jirrangah u kellu jissellef flus ghal dan il-ghan.

Illi, in rigward l-Ispettur Anthony Cassar (fol 26 u 27 ibid) dan spjega li kien mexxa l-investigazzjonijiet meta gara dan il-kaz f'Dicembru 1990, izda anke meta tkellem mal-girien, ma kienx hemm xi ezitu pozittiv. Fost in-nies li kien tkellem maghhom kien hemm certu Lawrence Vella li kellu xi inkwiet mal-akkuzat dwar storbju. Inoltre kien tkellem mal-akkuzat u martu u l-istess akkuzat kien qallu li kien naddaf il-post u kien telaq ghall-habta ta' nofs il-lejl neqsin kwart wara li kien sakkru.

**Ikkunsidrat**

Illi fuq il-"bar" in esami, kien qed jirrisjedi George Dimech (fol 38 et seqw ibid) u dan waqt il-kumpilazzjoni kien xehed illi ghall-habta ta' nofs il-lejl, hu kien sejjer lejn daru flimkien ma' Sean Mckeon u Christopher Elliot u ra li l-bieb "tat tip li joghla" tal-hanut kien imbexxaq, xi ftit pulzieri minn mal-art. Ghalhekk hu kien mar jhabbaat mal-bieb tad-dar tal-akkuzat fi Triq Bwieraq fejn sab il-mara ta' dan. Meta kollha flimkien marru vicin l-istess

hanut, hu xamm riha ta' pitrolju jew "diesel" li ma kienetx qawwija.

Hawnhekk hu u shabu telqu l-hemm sabiex jorqdu waqt li mart l-akkuzat baqghet vicin l-istess hanut, fuq barra. Ix-xhud qed jghid illi l-akkuzat kien qallu kliem cjoe "iva naf, imma tallinix" u sabiex ix-xhud jmur jorqod. Pero ghall-habta tas-1:30am, kien gie missieru, qajjmu u qallu li "...qed jinharaq il-hanut". Hawnhekk hu mar ghand il-kunjata tal-akkuzat, fejn kien sab lill-akkuzat u informah dwar dak li kien qed jigri.

Illi <u>Sean Mckeon</u> (fol 42 et seq ibid) ikkonferma fis-sustanza dak li qal ix-xhud precedenti izda qal ukoll li, wara li ra l-bieb tal-"bar" imbexxaq, xamm riha ta' gass u marru jhabbtu mal-bieb tar-residenza tal-akkzuat fjen kienu sabu lil mart dan tal-ahhar. Hu ma kienx baqa' fuq il-post izda mar l-hemm. Inoltre hu semma' illi, jekk wiehed kien jitbaxxa, seta' jhares fl-intern tal-hanut, minn dak l-ispazju bejn l-art u l-bieb mgholli. Izda dan hadd ma ghamlu avolja x-xhud qal li "...xi hadd kien ghamel serq fl-istess hanut".

Illi <u>Christopher Elliot</u> (fol 45 et seq ibid) semma' li l-bieb tal-hanut jikkonsisti f'"shutter" b'iehor tal-"aluminium" fuq wara. Hu kompla billi qal illi l-istess "shutter" kien nofsu mnizzel" li l-bieb ta' wara dan kien imbexxaq. Skont hu "Kif rajna hekk ahna ftahna ftit il-bieb u sejjahna lil Patrick...(izda)...ma wiegeb hadd". Inoltre hu nnota li fuq il-"counter" tal-"bar" kien hemm "jerry can" kif ukoll xamm riha ta' "fuel". Hu kompla billi qal li "Meta rajna hekk morna ghand Sonia... (mart l-akkuzat) u hu ma' George Dimech u mart l-akkuzat marru lura lejn il-hanut u din tal-ahhar qaltilhom sabiex imorru jorqdu.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi <u>George Dimech</u> (fol 165 u fol 166 ibid) spjega, in kontro esami, illi hu ma kienx ra lill-akkuzat jaghti n-nar lill-hanut. L-istess qal <u>Christopher Elliot</u> a fol 166 ibid, kif ukoll <u>Sean (Shaun) Mceoun (McKeon) a fol 176 ibid)</u> li zied in ri-esami, li lill-akkuzat ma kienx rah vicin il-post tal-incident.

Illi Joseph Dimech (fol 78 et seq ibid) spjega li matul l-istess lejl kien rieqed flimkien mal-familja tieghu u ghall-habta tas-1am kien gie mqajjem minn hoss ta' "qishom fliexken ifaqqghu" u ghalhekk huma hargu l-barra u ra nar hiereg mill-"bar". Bhala risultat tal-istess nar, kienu gew kagunati danni fil-post abitat minnu, sovrastanti l-istess "bar". Dwar l-istess nar, ibnu, George Dimech, li kien dahal gewwa ghall-habta ta' nofs il-lejl "...ma kien qallu xejn...". Izda meta kien tkellem mal-akkuzat u qal lil dan "ghaliex ghamilt hekk?", l-istess akkuzat kien qallu "...sabiex naghlaq halqi u ma nghid xejn. Qalli daqxejn gelatina tmur fin-nofs". Hu kien fehem illi l-akkuzat stess kien haraq il-hanut u kkonsideraha bhala theddida. Hu kompla jghid illi, wara li kien semmhielu dak li kien gara lill-ghasafar tax-xhud, l-akkuzat hadu wkoll ghand l-assikurazzjoni tieghu, inoltre semma' l-kwistjoni tas-soqfa li wiehed minnhom biss gie rrangat. Ghalhekk, fuq parir tal-Ispettur Vincent Ungaro (fol 84 et seq ibid) hu kien ghamel kuntatt mas-sid kemm tal-"bar" kemm tal-post tieghu u l-istess sid kien nehha l-periklu. Hawnhekk ix-xhud iddikajra li dak li xehed "viva voce" quddiem din il-Qorti kienet il-verita, waqt li dak li xehed quddiem l-espert tekniku fl-inkjesta ma kienx jiirrispekkja dak li verament gara (ara fol 42 tal-anness "proces-verbal").

Illi in atti jinsab il-"proces-verbal" redatt mill-Magistrati Inkwirenti (fol 18 et seq ibid). Mill-inkjesta rrizulta illi:-

a) kif hemm imnizzel, fil-"proces-verbal" hemm indikat illi persuna jew persuni mhux maghurfa kienu dahlu fil-"bar" u minnu nsterqu diversi oggetti u sussegwentement l-istess post inghata n-nar.

b) Id-dhul kien sar permezz ta' sgass tal-bieb tal-aluminium, wara ix-"shutter" li, aktarx, gie miftuh permezz ta' caveta falza. Fl-anness Dok RA jinghad li anke ix-"shutter" gie sgassat. Inoltre, fuq wara gew sgassati l-katnazzi ta' bieb tal-hadid bil-hgieg li jaghti ghal go bitha, wara din hemm kamra uzata bhala mahzen u l-bieb ta' dan, li jissakkar b'cavetta ingliza kellu l-hgieg vicin is-serratura li kien imkisser.

c) Jidher li nsterqu xorb alkoholiku mill-mahzen u televizjoni tal-kulur, "video" playback u stereo mill-"bar".
d) Sussegwentement, l-ambjenti tal-"bar" gew imxarrbin b'xi "fuel" u dan inghata n-nar, liema nar seta' effettwa l-kamra tas-sodda tal-post sovrastanti abitat mill-familja Dimech.
e) L-akkuzat, Patrick Pace, kien xehed quddiem l-espert tekniku, u hu qal li fil-lejl in kwistjoni, kien ghalaq il-"bar" ghall-habta tal-11:30pm billi sakkar kemm ix-"shutter" kemm il-bieb tal-warajh. Ghall-habta tas-2am, "il-gara...li ghandha kmamar fuqu (fuq l-istess bar) giet tghidli li kien hemm nar fl-istess "bar". Oltre n-nar, hu ra li r-"roller shutter" kien mgholli u mtella' xi metru u nofs il-fuq. Fl-istess inkjesta xehed Joseph Dimech ukoll u dan irrakonta kif (12:30am/12:45am) kien gie imqajjem minn ibnu u kien ra nar hiereg mill-hanut kif ukoll go fih. Ghalhekk hu mar jhabbat mal-bieb ta' sid. Inoltre hu kien sema' l-imsemmi "shutter" jinghalaq ghall-habta tal-11:00pm.

## Ikkunsidrat

Illi l-akkuzat (fol 186 et seq ibid) l-ewwel ikkonferma illi l-istqarrija li tinsab a fol 21 et seq kienet giet iffirmata minnu. Inoltre hu kkkonferma wkoll il-kontenut taghha, taht gurament. Dwar l-incident in esami, hu kien sar jaf bih meta kienu habbtu mal-bieb tar-residnza tieghu "Peppi u George Dimech, (u) il-mara ta' Peppi Dimech, Tessie". Inoltre peress li kien gie arrekat dannu fir-residenza ta' dawn, dawn "gew jorqdu ghandna wkoll". Wara li skada xi zmien, kien avvicinat Joseph (Peppi) Dimech u l-akkuzat kien xtralu xi ghasafar, peress li dak li kellu kienu mietu wara l-incident kif ukoll ghamillu xi xoghol ta' tibjid peress li d-dar tal-istess Dimech kienet kollha "imgemmda". Inoltre skont dejjem Joseph ("Peppi") Dimech kellu hsarat f'zewg soqfa. Wara li certu zmien kien skada u jidher li hu kien "...dejjem bit-trouble" mieghu, kien hadu ghand l-assikurazzjoni u l-akkuzat kien informa lill-istess assikurazzjoni li "...kellu hafna nkwiet mal-girien minhabba s-saqaf li semmejt" izda l-assikurazzjoni, kien insistew li ma jirranga xejn qabel ma jsir il-hlas. Fl-istess okkazjoni, l-akkuzat kien qal lill-istess assikurazzjoni li Joseph

Dimech kien shab mieghu fl-istess hanut – haga li ma kienetx vera. Kien wara li l-istess Peppi Dimech kien qal lill-akkzuat "inti hraqtu l-hanut" u hanwhekk l-akkuzat kien stieden lil Dimech sabiex dan jirraportah lill-Pulizija.

Hawnhekk, l-akkuzat xehed li "sadanittant (Dimech) dejjem jirrikattani li ser jirraportani in konnessjoni, dejjem mat-tieni saqaf. Difatti l-akkuzat kien irranga l-ewwel saqaf izda mhux it-tieni wiehed. Inoltre kien baghat terza persuna sabiex tirrikattah fis-sens illi hu, l-akkuzat, kellu jhallas lilu Lm500 kif ukoll il-kera fuq il-post li kien jinkera minn Dimech. L-akkuzat kien irrifjuta jaghmel dan u hawnhekk kien sar ir-rapport lill-Pulizija.

Dwar l-istess Dimech, eventwalment kien marad b'marda terminali waqt li f'okkazjoni qabel, l-istess Dimech kien irrikattah b'somma akbar. Fl-ahhar tal-esami tieghu, hu sahaq li ma kienx iltaqa' ma' George Dimech, bin Joseph ("Peppi") Dimech u lanqas mat-tnejn l-ohra, vicin il-hanut.

Fil-<u>kontroezami</u> hu spjega illi ma kienx semma' lill-Pulizija ir-rikatt u theddid li xehed fuqhom peress li qatt ma kien gie arrestat qabel u kien "...fi stat ta' paniku".

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi dawn in sintezi, huma l-provi rilevanti ghal dan il-kaz. Illi, fuq naha wahda ghandu l-atti tal-<u>inkjesta</u> li nzammet immedjatament wara l-incident in esami. Minn din l-inkjesta wiehed jista' jara li gie konkluz illi, mill-post in kwistjoni kienet giet kommessa serqa ta' diversi oggetti u l-istess post kien inghata n-nar. Inoltre kienu xehedu, fl-istess inkjesta, oltre l-akkuzat, Joseph Dimech.

Illi fuq in-naha l-ohra, madwar tlett snin wara, dan il-kaz tkompla jigi nvestigat mill-Pulizija jew minhabba nformazzjoni anonima jew minhabba rapport lill-Pulizija. F'dan l-istadju gew prodotti sabiex jixhdu <u>George Dimech</u> u l-imsemmi <u>Joseph Dimech</u> missieru, <u>Sean Mckeon</u> u <u>Christopher Elliot</u>. <u>George Dimech</u> xehed li kien ra l-bieb fuq barra gholi mill-art xi ftit pulzieri. Inoltre, meta kien flimkien mal-ohrajn u mart l-akkuzat, kien xamm riha ta'

"fuel" izda hu u shabu telqu l-hemm. Sean Mckeon da parti tieghu kkonferma dak li xehed George Dimech fis-sustanza. Pero Christopher Elliot qal li x-"shutter" kien "nofsu mnizzel", u il-bieb ta wara dan imbexxaq. Skont l-istess xhud meta "...rajna hekk, huma fethu ftit il-bieb u sejjhu lill-akkuzat izda hadd ma kien wiegeb. Inoltre waqt li hares gewwa, kien innota li fuq il-"bar" kien hemm kontenutur ta' "fuel". Kine hawnhekk li marru jhabbtu mal-bieb tar-residenza tal-akkuzat, fejn sabu lill-mart dan. Certament din ix-xhieda titfa' dubbju gravi fuq il-kredibilita tax-xhieda ta' George Dimech, Sean Mckeon u l-istess Elliot jekk din tigi konsiderata fl-assjem.

Illi dawn huma l-provi principali prodotti u a bazi taghhom, il-Qorti qed tintalab sabiex l-akkuzat jinstab hati tal-akkuzi in esami.

Illi hu minnu li l-akkuzat seta' kellu motiv sabiex hu stess jaghti n-nar lil-hanut gestit minnu u minn martu u dan sabiex jithallas risarciment mill-assikurazzjoni, liema hlas kien gie effettwat. Pero dan ma hux sufficjenti peress li fil-fehma u konvinzjoni morali tal-Qorti jekk wiehed janalizza l-provi, inkluza l-imgieba ambigwa ta' Joseph Dimech ormai mejjet, ir-risultat ghandu jkun dubbju dettat mir-raguni li ghandu jmur favur l-akkuzat.

Din il-konkluzjoni, b'mod specjali tirrizulta mix-xhieda ta' Christopher Elliot illi xehed li, filfatt, hu u shabu kienu harsu gewwa fil-hanut u raw dak deskritt fix-xhieda ta' dan kif ukoll sejjhu lill-akkuzat li ma wegibx. Ghalhekk fuq il-bazi tal-provi l-aktar rilevanti, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li l-akkuzat kkommetta dak kollu addebitat lilu.

**Ikkunsidrat**

Illi ghandu jissemma' illi fit-trattazzjoni, d-difensur tal-akkuzat accenna ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Pero l-Qorti tara li dan il-kaz, tiddecidiet fuq il-meritu kif hawn fuq premess u ma tiddecidix dan 0.
il-punt in konnessjoni mat-tieni (2), tielet (3) u r-raba (4) akkuzi.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuzi kollha u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------